SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

4 ta' Ottubru 2024*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Politika komuni fil-qasam tal-asil – Direttiva 2011/95/UE – Kundizzjonijiet li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jissodisfaw sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw minn status ta' refuġjat – Artikolu 2(d) u (e) – Kunċett ta' 'att ta' persekuzzjoni' – Livell ta' gravità meħtieġ – Artikolu 9 – Akkumulazzjoni suffiċjentement gravi ta' miżuri diskriminatorji kontra n-nisa – Artikolu 9(1)(b) – Forom ta' atti ta' persekuzzjoni – Artikolu 9(2) – Valutazzjoni ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali – Artikolu 4(3) – Obbligu ta' valutazzjoni individwali – Portata"

Fil-Kawżi magħquda C-608/22 u C-609/22,

li għandhom bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva, l-Awstrija), permezz ta' deċiżjonijiet tal-14 ta' Settembru 2022, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-22 ta' Settembru 2022, fil-proċeduri

AH (C-608/22)

FN (C-609/22)

vs

Bundesamt für Fremdenwesen und Asyl,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Jürimäe, Presidenta tal-Awla, K. Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qiegħed jaġixxi bħala Mħallef tat-Tielet Awla, N. Piçarra (Relatur), N. Jääskinen u M. Gavalec, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Richard de la Tour,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal AH, minn N. Lorenz, Rechtsanwältin,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

– għal FN, minn S. Moschitz-Kumar, Rechtsanwältin

– għall-Gvern Awstrijak, minn A. Posch, J. Schmoll u M. Kopetzki, bħala aġenti,

– għall-Gvern Belġjan, minn M. Jacobs, A. Van Baelen u M. Van Regemorter, bħala aġenti,

– għall-Gvern Spanjol, minn A. Gavela Llopis u A. Pérez-Zurita Gutiérrez, bħala aġenti,

– għall-Gvern Franċiż, minn B. Fodda u J. Illouz, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Azéma, J. Hottiaux u H. Leupold, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2023,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(1)(a) u (b) tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU 2011, L 337, p. 9).

2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta' tilwimiet bejn, rispettivament, AH u FN u l-Bundesamt für Fremdenwesen und Asyl (l-Uffiċċju Federali għad-Dritt tal-Barranin u d-Dritt għall-Ażil, l-Awstrija) dwar il-legalità tad-deċiżjonijiet ta' dan tal-aħħar li permezz tagħhom ċaħad l-applikazzjonijiet tagħhom għar-rikonoxximent tal-istatus ta' refuġjat.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt internazzjonali

Il-Konvenzjoni ta' Genève

3 Skont il-punt 2 tal-Artikolu 1(A) tal-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refuġjati, iffirmata f'Genève fit-28 ta' Lulju 1951 (*Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, Vol. 189, p. 150, Nru 2545 (1954)), li daħlet fis-seħħ fit-22 ta' April 1954 u ssupplimentata bil-Protokoll dwar l-Istatus tar-Refuġjati, konkluż fi New York fil-31 ta' Jannar 1967 u li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Ottubru 1967 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Genève"):

"Għall-finijiet ta' din il-konvenzjoni, il-kelma 'refuġjat' għandha tapplika għal kwalunkwe persuna li […] minħabba biża' debitament fondata ta' persekuzzjoni minħabba raġunijiet marbuta mar-razza tagħha, mar-reliġjon tagħha, man-nazzjonalità tagħha, mal-appartenenza tagħha fi grupp soċjali partikolari jew mal-opinjoni politika tagħha, tinsab barra mill-pajjiż tan-nazzjonalità tagħha u ma

tkunx tista' jew, minħabba din il-biża', ma tkunx tixtieq tinvoka l-protezzjoni ta' dan il-pajjiż […]" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

Iċ-CEDEF

4 Skont l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (iktar 'il quddiem iċ-"CEDEF"), adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-18 ta' Diċembru 1979, li daħlet fis-seħħ fit-3 ta' Settembru 1981 (*Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, Vol. 1249, Nru I-20378, p. 13) u li għaliha l-Istati Membri kollha huma partijiet:

"Għall-finijiet ta' [din il-konvenzjoni], l-espressjoni 'diskriminazzjoni kontra n-nisa' tkopri kull distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni abbażi tas-sess li għandha l-effett jew l-għan li tagħmel ħsara jew li ġġib fix-xejn ir-rikonoxximent, it-tgawdija jew l-eżerċizzju min-nisa, ikun xi jkun l-istat ċivili tagħhom, abbażi ta' ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fl-oqsma politiċi, ekonomiċi, soċjali, kulturali u ċivili jew fi kwalunkwe qasam ieħor" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

5 L-Artikolu 3 ta' din il-konvenzjoni jipprevedi li l-Istati li huma parti f'din tal-aħħar għandhom, f'kull qasam, b'mod partikolari fl-oqsma politiċi, soċjali, ekonomiċi u kulturali, jieħdu l-miżuri xierqa kollha, inkluż dispożizzjonijiet leġiżlattivi, sabiex jiżguraw l-iżvilupp sħiħ u l-progress tan-nisa u sabiex jiżgurawlhom l-eżerċizzju u t-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali abbażi ta' ugwaljanza mal-irġiel.

6 Skont l-Artikolu 5 tal-imsemmija konvenzjoni, l-Istati li huma parti f'din tal-aħħar għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha sabiex jimmodifikaw il-modi ta' mġiba soċjokulturali tal-irġiel u tan-nisa bil-għan li jiġu eliminati l-preġudizzji u l-prassi konswetudinali, jew ta' kwalunkwe tip ieħor, li huma bbażati fuq l-idea ta' inferjorità jew ta' superjorità ta' sess wieħed jew l-ieħor jew ta' rwol sterjotipiku tal-irġiel u tan-nisa.

7 Skont l-Artikoli 7, 10 u 16 tal-istess konvenzjoni, l-Istati li huma parti f'din tal-aħħar għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha sabiex jeliminaw id-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-ħajja politika u pubblika tal-pajjiż, f'dak li għandu x'jaqsam mal-edukazzjoni u f'dak kollu li għandu x'jaqsam maż-żwieġ u mar-relazzjonijiet tal-familja.

Il-Konvenzjoni ta' Istanbul

8 Skont l-Artikolu 1 tagħha, il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika ġiet konkluża f'Istanbul fil-11 ta' Mejju 2011 u ġiet iffirmata mill-Unjoni Ewropea fit-13 ta' Ġunju 2017, approvata f'isimha permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076 tal-1 ta' Ġunju 2023 (ĠU 2023, L 143 I, p. 4) (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Istanbul"), u li daħlet fis-seħħ, fir-rigward tal-Unjoni, fl-1 ta' Ottubru 2023. Skont l-Artikolu 1 tagħha, din il-konvenzjoni tfittex, b'mod partikolari, kemm li tipproteġi lin-nisa kontra kull forma ta' vjolenza, u li tipprevjeni, li tħarrek u li telimina l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, kif ukoll li tgħin sabiex telimina kull forma ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa u sabiex tippromwovi l-ugwaljanza reali bejn in-nisa u l-irġiel, inkluż billi tingħata s-setgħa lin-nisa.

9 L-Artikolu 3 ta' din il-konvenzjoni jippreċiża li, għall-finijiet tal-applikazzjoni tagħha, l-espressjoni "vjolenza kontra n-nisa" għandha tinftiehem bħala ksur tad-drittijiet tal-bniedem u bħala forma ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa, u tirreferi għal kull att ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru li jsarraf, jew li jista' jsarraf, fi ħsara jew fi tbatija ta' natura fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika għan-nisa, inkluż it-theddid ta' atti bħal dawn, il-ġegħil jew it-teħid arbitrarju tal-libertà, sew jekk fil-ħajja pubblika u sew jekk fil-ħajja privata.

10 L-Artikolu 4(2) tal-imsemmija konvenzjoni jipprovdi:

"Il-Partijiet għandhom jikkundannaw kull forma ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa u għandhom, mingħajr dewmien, jieħdu l-miżuri leġislattivi u oħrajn neċessarji sabiex jipprevjenuha, billi, b'mod partikolari:

– idaħħlu fil-kostituzzjonijiet nazzjonali tagħhom jew fi kwalunkwe dispożizzjoni leġiżlattiva xierqa oħra l-prinċipju ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u billi jiżguraw li dan il-prinċipju jitwettaq fil-prattika;

– jipprojbixxu d-diskriminazzjoni kontra n-nisa, inkluż, jekk ikun hemm bżonn, bl-użu ta' sanzjonijiet;

– iħassru liġijiet u prassi li jiddiskriminaw kontra n-nisa" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

11 L-Artikolu 60(1) tal-Konvenzjoni ta' Istanbul huwa fformulat kif ġej:

"Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħra sabiex il-vjolenza kontra n-nisa abbażi tal-ġeneru tkun tista' tiġi rrikonoxxuta bħala forma ta' persekuzzjoni fis-sens tal-punt 2 tal-Artikolu 1(A) tal-[Konvenzjoni ta' Genève] u bħala forma ta' ħsara gravi li tagħti lok għal protezzjoni komplementari/sussidjarja " [traduzzjoni mhux uffiċjali].

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 2011/95

12 Il-premessi 4 u 16 tad-Direttiva 2011/95 jiddikjaraw:

"(4) Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra u l-Protokoll jipprovdu l-pedament tar-reġim legali internazzjonali għall-protezzjoni ta' refuġjati.

[…]

(16) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [(iktar 'il quddiem il-"Karta")]. B'mod partikolari, din id-Direttiva tfittex li tiżgura rispett sħiħ għad-dinjità tal-bniedem u d-dritt għall-ażil għal applikanti u għall-membri tal-familja li jakkompanjawhom u sabiex tippromwovi l-applikazzjoni tal-Artikoli 1, 7, 11, 14, 15, 16, 18, 21, 24, 34 u 35 ta' dik il-Karta u għandha għalhekk tiġi implimentata kif meħtieġ."

13 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, intitolat "Definizzjonijiet", huwa fformulat kif ġej:

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(d) 'refuġjat' ifisser ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz li, minħabba f'biża' ġustifikat li jiġi persegwitat għar-raġunijiet ta' razziżmu, reliġjon, nazzjonalità, opinjoni politika jew sħubija ta' grupp soċjali partikolari, huwa barra mill-pajjiż ta' nazzjonalità u ma jistax, jew minħabba dan il-biża', ma jixtieqx japprofitta ruħu mill-protezzjoni ta' dak il-pajjiż, jew persuna mingħajr stat, li, minħabba li qiegħda barra mill-pajjiż tar-residenza abitwali ta' qabel għall-istess raġunijiet kif imsemmija hawn fuq, ma tistax jew, minħabba f'dan il-biża', ma tixtieqx tirritorna lejha, u li l- Artikolu 12 ma japplikax għaliha;

(e) 'status ta' refuġjat' ifisser ir-rikonoxximent minn Stat Membru ta' ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat bħala refuġjat;

[…]

(h) 'applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali' tfisser talba magħmula minn ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għal protezzjoni minn Stat Membru, li tista' tinftiehem li tfittex status ta' refuġjat jew stat ta' protezzjoni sussidjarja, u li ma titlobx espliċitament tip ieħor ta' protezzjoni, barra mill-iskop ta' din id-Direttiva, li tista' ssir applikazzjoni separata għaliha;

(i) 'applikant' ifisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li għamel applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali li fir-rigward tagħha għadha ma ttieħditx deċiżjoni finali;

[…]

(n) 'pajjiż ta' oriġini' ifisser il-pajjiż jew pajjiżi ta' nazzjonalità jew, għal persuni mingħajr stat, ta' residenza abitwali ta' qabel."

14 L-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Eżami ta' fatti u ċirkostanzi", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri jistgħu jqisuh bħala d-dmir tal-applikant li jissottometti kemm jista' jkun malajr l-elementi kollha meħtieġa biex tiġi sostanzjata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. F'kooperazzjoni mal-applikant huwa d-dmir tal-Istat Membru li jeżamina l-elementi rilevanti tal-applikazzjoni.

[...]

3. L-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali trid titwettaq fuq bażi individwali u tinkludi kunsiderazzjoni ta':

(a) il-fatti kollha rilevanti kif jirrelataw mal-pajjiż ta' oriġini fil-mument tat-teħid ta' deċiżjoni fuq l-applikazzjoni, inkluż liġijiet u regolamenti tal-pajjiż tal-oriġini u l-manjiera li biha jiġu applikati;

(b) id-dikjarazzjonijiet u d-dokumentazzjoni rilevanti preżentati mill-applikant inkluż informazzjoni dwar jekk l-applikant kienx jew jistax jiġi suġġett għal persekuzzjoni jew periklu serju;

(c) il-pożizzjoni individwali u ċ-ċirkostanzi personali tal-applikant, inkluż fatturi bħal ma huma l-ambjent minn fejn ikun ġej, is-sess u l-età, sabiex jiġi stmat jekk, fuq il-bażi taċ-ċirkostanzi personali tal-applikant, l-atti li għalihom l-applikant kien jew jista' jiġi espost ikunu jammontaw għal persekuzzjoni jew periklu serju;

[…]"

15 Skont l-Artikolu 6 tal-istess direttiva, intitolat "Atturi ta' persekuzzjoni jew dannu serju":

"Atturi ta' persekuzzjoni jew dannu serju jinkludu:

(a) l-Istat;

(b) partijiet jew organizzazzjonijiet li jikkontrollaw l-Istat jew parti sostanzjali tat-territorju tal-Istat;

(c) atturi mhux tal-Istat, jekk ikun jista' jiġi muri li l-atturi msemmija f'punti (a) u (b), inkluż organizzazzjonijiet internazzjonali, ma jistgħux jew ma jixtiqux jipprovdu protezzjoni kontra persekuzzjoni jew periklu serju kif definit fl-Artikolu 7."

16 Il-Kapitolu III tad-Direttiva 2011/95, intitolat "Kwalifika biex wieħed ikun refuġjat", jinkludi fih l-Artikolu 9 ta' din tal-aħħar, intitolat "Atti ta' persekuzzjoni", li jipprovdi:

"1. Sabiex din titqies bħala att ta' persekuzzjoni fit-tifsira tal-Artikolu 1(A) tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra, att għandu:

(a) ikun serju biżżejjed fin-natura jew ripetizzjoni tiegħuli jikkostitwixxi vjolazzjoni serja ta' drittijiet bażiċi tal-bniedem, partikolarment id-drittijiet li ma tistax issir deroga minnhom skont l-Artikolu 15(2) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali [ffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-'KEDB')]; jew

(b) ikunu akkumulazzjoni ta' diversi miżuri, inkluż vjolazzjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem li huwa serju biżżejjed li jaffettwa individwu f'manjiera simili kif imsemmi f'punt (a).

2. Atti ta' persekuzzjoni kif kwalifikati fil-paragrafu 1, jistgħu, fost ħwejjeġ oħra, jieħdu l-forma ta':

(a) atti ta' vjolenza fiżiċi jew mentali, inkluż atti ta' vjolenza sesswali;

(b) miżuri legali, amministrattivi, miżuri mill-pulizija u/jew miżuri ġudizzjarji li huma fihom infushom diskriminatorji jew li huma implimentati f'manjiera diskriminatorja;

(c) prosekuzzjoni jew kastig li huwa sproporzjonat jew diskriminatorju;

[…]

(f) atti ta' natura speċifika għas-sess [ġeneru] jew għat-tfal.

3. Bi qbil ma punt (d) tal-Artikolu 2, irid ikun hemm konnessjoni bejn ir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 10 u l-atti ta' persekuzzjoni kif kwalifikat fil-paragrafu 1 ta dan l-Artikolu jew l-assenza ta' protezzjoni kontra atti bħal dawn."

17 L-Artikolu 10 ta' din id-direttiva, intitolat "Raġunijiet għal persekuzzjoni", jipprevedi, fil-paragrafu 1(d) tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom iqisu l-elementi li ġejjin meta jivvalutaw ir-raġunijiet għal persekuzzjoni:

[…]

(d) grupp għandu jitqies li jifforma grupp soċjali partikolari fejn partikolarment:

– membri ta' dak il-grupp jaqsmu karatteristika innata jew sfond komuni li ma jistax jinbidel, jew jaqsmu karatteristika jew twemmin li tant huwa fondamentali għall-identità jew il-kuxjenza li persuna m'għandhiex tiġi sfurzata li tirrinunċja għalih; u

– grupp għandu identità distinta fil-pajjiż rilevanti, minħabba li hija meqjusa bħala differenti mis-soċjeta ta' madwaru.

[…]"

Id-Direttiva 2013/32/UE

18 L-Artikolu 10 tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 60), intitolat "Rekwiżiti għall-eżami ta' applikazzjonijiet", jipprevedi, fil-paragrafu 3 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet mill-awtorità determinanti dwar applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jiġu meħuda wara eżami adegwat. Għal dak l-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) l-applikazzjonijiet jiġu eżaminati u d-deċiżjonijiet jiġu meħuda individwalment, oġġettivament u imparzjalment;

(b) tinkiseb informazzjoni preċiża u aġġornata minn sorsi varji, bħall-[Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (EASO)] u l-[Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR)] u organizzazzjonijiet rilevanti tad-drittijiet tal-bniedem internazzjonali, rigward is-sitwazzjoni ġenerali li teżisti fil-pajjiżi ta' origini tal-applikanti u, li tali informazzjoni issir disponibbli għall-persunal responsabbli mill-eżami tal-applikazzjonijiet u mit-teħid ta' deċiżjonijiet;

[…]

(d) il-persunal li jeżamina l-applikazzjonijiet u li jieħu d-deċiżjonijiet għandu l-possibbiltà li jitlob parir, meta jkun meħtieġ, minn esperti dwar kwistjonijiet partikolari, bħal pereżempju kwistjonijiet mediċi, kulturali, dwar it-tfal jew is-sess."

Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

19 AH hija ċittadina Afgana mwielda fl-1995. Wara li missierha xtaq ibigħha, hija ħarbet, flimkien ma' ommha, lejn l-Iran. Wara li għexet il-Greċja fejn proprju żżewġet, fl-2015 daħlet fl-Awstrija u ppreżentat applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali f'dan l-Istat Membru, fejn kien jgħix żewġha.

20 FN hija ċittadina Afgana mwielda fl-2007, li qatt ma għexet l-Afganistan. Fl-2020, hija ppreżentat applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fl-Awstrija. Ħuha, li huwa wkoll mill-Afganistan, kien diġà jibbenefika minn protezzjoni sussidjarja hemmhekk. Hija stqarret f'din it-talba li hija ħarbet mill-Iran fejn kienet tgħix ma' ommha u maż-żewġt aħwa bniet tagħha, li ebda waħda minnhom ma kellha permess ta' residenza, u din iċ-ċirkustanza żammitha milli tattendi l-iskola u lil ommhom milli taħdem, u li hija xtaqet tgħix b'mod liberu u jkollha l-istess drittijiet bħall-irġiel.

21 Permezz tad-deċiżjonijiet tas-26 ta' Marzu 2018 u tal-14 ta' Ottubru 2020, l-Uffiċċju Federali għad-Dritt tal-Barranin u d-Dritt għall-Ażil qies, rispettivament, li l-istqarrija ta' AH ma kinitx kredibbli u li FN ma kinitx esposta għal riskju reali ta' persekuzzjoni fl-Afganistan, u rrifjuta milli jirrikonoxxi lilhom l-istatus ta' refuġjat fis-sens tal-Artikolu 2(e) tad-Direttiva 2011/95. Huwa madankollu rrikonoxxa lil AH u lil FN l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja, billi, essenzjalment, fin-nuqqas ta' appoġġ soċjali fl-Afganistan, huma jkunu esposti għal diffikultajiet ekonomiċi u soċjali li kellhom jirritornaw hemmhekk.

22 Kemm AH u kemm FN ippreżentaw rikors kontra dawn id-deċiżjonijiet quddiem il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, l-Awstrija) u sostnew, b'mod partikolari, li, minn naħa, huma kienu ħaddnu valuri u għexu stil ta' ħajja mnebbħa mill-Punent u li, min-naħa l-oħra, wara li t-Talibani ħatfu l-poter fis-sajf tal-2021, is-sitwazzjoni fl-Afganistan kienet inbidlet b'tali mod li n-nisa kienu issa esposti għal persekuzzjoni kullimkien.

23 Dik il-qorti ċaħdet dawn ir-rikorsi bħala infondati, billi ddeċidiet, fost l-oħrajn, li, meta wieħed iqis il-kundizzjonijiet tal-ħajja ta' AH u ta' FN fl-Awstrija, huma ma kinux adottaw stil ta' ħajja tal-Punent" li sar element tant essenzjali tal-identità tagħhom li jkun impossibbli għalihom li jirrinunzjawh sabiex jaħarbu minn theddid ta' persekuzzjoni fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

24 Kemm AH u kemm FN ippreżentaw rikors għal reviżjoni quddiem il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva, l-Awstrija), il-qorti tar-rinviju, u sostnew mill-ġdid li s-sitwazzjoni tan-nisa taħt ir-reġim il-ġdid tat-Talibani kienet tiġġustifika, waħedha, li jiġi rrikonoxxut lilhom l-istatus ta' refuġjat.

25 F'dan ir-rigward, dik il-qorti rrilevat li n-nisa Afgani huma parti minn "grupp soċjali partikolari", fis-sens tal-Artikolu 10(1)(d) tad-Direttiva 2011/95, u li teżisti rabta bejn ir-raġuni għal persekuzzjoni msemmija f'din id-dispożizzjoni u l-"atti ta' persekuzzjoni" li dawn in-nisa jistgħu jkunu esposti għalihom, kif jeżiġi l-Artikolu 9(3) ta' din id-direttiva.

26 L-imsemmija qorti tfakkar li, fi żmien ir-reġim preċedenti tat-Taliban li dam mill-1996 sal-2001, hija ddeċidiet li s-sitwazzjoni tan-nisa fl-Afganistan kellha, fit-totalità tagħha, tiġi kklassifikata bħala waħda sufiċjentement gravi sabiex jitqies li l-miżuri diskriminatorji mmirati lejhom kienu jikkostitwixxu, fihom infushom, atti ta' persekuzzjoni fis-sens tal-Konvenzjoni ta' Genève. Għaldaqstant, dak iż-żmien, mara li tapplika għal protezzjoni internazzjonali kien jiġi rrikonoxxut lilha l-istatus ta' refuġjat sempliċement minħabba li kienet mara Afgana.

27 Wara l-waqgħa tar-reġim preċedenti tat-Talibani, l-istess qorti tindika li biddlet il-ġurisprudenza tagħha fis-sens li kienu biss in-nisa li kienu qegħdin f'riskju li jiġu ppersegwitati minħabba l-adozzjoni ta' "stil ta' ħajja mnebbaħ mill-Punent" li jkun sar tant essenzjali għall-identità tagħhom li wieħed ma jistax jistenna li dawn jirrinunzjaw għalih sabiex jaħarbu minn theddida ta' persekuzzjoni, li setgħu jibbenefikaw mill-istatus ta' refuġjat, liema evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq eżami *in concreto* taċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni. Madankollu, hija tqis li l-miżuri adottati mit-Talibani kontra n-nisa minn mindu reġgħu lura fil-poter, sew jekk hija diskriminazzjoni, sew jekk vjolenza sesswali u sew jekk qtil, jilħqu skala paragunabbli ma' dawk adottati mir-reġim preċedenti.

28 F'dan il-kuntest ġdid, il-qorti tar-rinviju tfittex, fl-ewwel lok, li tiddetermina jekk il-miżuri adottati mit-Talibani kontra n-nisa humiex tant gravi li jistgħu jiġu kklassifikati bħala "att ta' persekuzzjoni" fis-sens tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2011/95. Hija tirrileva li huwa minnu li dawn il-miżuri kollha, meħuda waħedhom, ma jikkostitwixxux ksur gravi tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari ta' dawk li, skont l-Artikolu 15(2) tal-KEDB, ma hija possibbli ebda deroga minnhom u, għaldaqstant, ma jaqgħux taħt l-Artikolu 9(1)(a) ta' din id-direttiva. Madankollu, hija tistaqsi jekk l-imsemmija miżuri, meħuda fl-intier tagħhom, humiex gravi biżżejjed fis-sens tal-Artikolu 9(1)(b) tal-imsemmija direttiva.

29 Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk mara Afgana tistax tibbenefika mill-istatus ta' refuġjat, fis-sens tal-Artikolu 2(e) tad-Direttiva 2011/95, mingħajr ma jsir eżami individwali tas-sitwazzjoni tagħha.

30 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-akkumulazzjoni ta' miżuri meħuda, sostnuti jew permessi fi Stat min-naħa ta' attur li huwa *de facto* awtorità governattiva u li jikkonsistu, b'mod partikolari, fil-fatt li n-nisa

– ma jitħallewx jipparteċipaw f'pożizzjonijiet politiċi u fi proċessi politiċi għat-teħid ta' deċiżjonijiet;

– ma jingħataw ebda rimedji legali sabiex jiksbu protezzjoni kontra vjolenza bbażata fuq il-ġeneru u kontra l-vjolenza domestika;

– jinsabu, b'mod ġenerali, f'riskju ta' żwieġ sfurzat f'sitwazzjoni fejn, minkejja li ġew ipprojbiti mill-attur li huwa *de facto* awtorità governattiva, in-nisa ma jgawdux minn protezzjoni effettiva kontra żwieġ sfurzat u tali żwiġijiet xi drabi jitwettqu bil-parteċipazzjoni ta' atturi li huma *de facto* awtorità governattiva bl-għarfien tal-fatt li huma żwiġijiet sfurzati;

– ma jistgħux jaqilgħu l-għajxien tagħhom bħala impjegati jew jitħallew jagħmlu dan b'mod limitat biss, prinċipalment fid-dar tagħhom;

– għandhom diffikultajiet f'termini ta' aċċess għal faċilitajiet tal-kura tas-saħħa;

– huma mċaħħda kompletament jew sostanzjalment minn aċċess għal edukazzjoni (pereżempju minħabba li l-bniet huma permessi edukazzjoni fi skola primarja biss);

– ma humiex permessi li jkunu jew li jiċċaqilqu fil-pubbliku mingħajr ma jkunu akkumpanjati minn raġel (li jrid ikun membru partikolari tal-familja) jew, l-iktar l-iktar, jitħallew jagħmlu dan biss kemm-il darba ma jitbegħdux iktar minn ċerta distanza minn darhom;

– huma obbligati jgħattu kompletament il-persuna tagħhom u jgħattu wiċċhom b'velu meta jkunu fil-pubbliku;

– ma jistgħux jieħdu sehem f'attivitajiet sportivi,

fis-sens tal-Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva [2011/95], għandhom jitqiesu li huma serji biżżejjed sabiex jaffettwaw mara b'mod simili kif imsemmi fl-Artikolu 9(1)(a) ta' din id-direttiva?

2) Għall-finijiet tal-għoti tal-istatus ta' [refuġjat], huwa biżżejjed li mara tkun affettwata minn dawn il-miżuri fil-pajjiż ta' oriġini minħabba s-sempliċi raġuni li hija mara, jew huwa meħtieġ li s-sitwazzjoni individwali ta' mara tiġi evalwata sabiex jiġi ddeterminat jekk hijiex affettwata minn dawn il-miżuri, meqjusa fl-intier tagħhom, fis-sens tal-Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva 2011/95?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

31 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva 2011/95 għandux jiġi interpretat fis-sens li taqa' taħt il-kunċett ta' "att ta' persekuzzjoni" akkumulazzjoni ta' miżuri diskriminatorji kontra n-nisa adottati jew ittollerati minn "attur ta' persekuzzjoni", fis-sens tal-Artikolu 6 ta' din id-direttiva, li, b'mod partikolari, iċaħħdu lin-nisa minn kull protezzjoni legali kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-vjolenza domestika u ż-żwieġ furzat, iġegħluhom jgħattu kompletament ġisimhom u wiċċhom, jirrestrinġu l-aċċess tagħhom għall-kura tas-saħħa, kif ukoll il-libertà ta' moviment tagħhom, jipprojbixxuhom milli jeżerċitaw attività professjonali jew li jirrestrinġu l-eżerċizzju tagħha, jipprojbixxu l-aċċess għall-edukazzjoni u għall-isport u jeskluduhom mill-ħajja politika.

32 Fl-ewwel lok, l-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 2011/95, li jirriproduċi l-punt 2 tal-Artikolu 1(A) tal-Konvenzjoni ta' Genève, jiddefinixxi "refuġjat" bħala kull ċittadin ta' pajjiż terz li, minħabba biża' fondata ta' persekuzzjoni minħabba r-razza tiegħu, ir-reliġjon tiegħu, in-nazzjonalità tiegħu, l-opinjonijiet politiċi tiegħu jew is-sħubija tiegħu fi grupp soċjali partikolari, ikun jinsab barra mill-pajjiż li tiegħu għandu n-nazzjonalità u li ma jkunx jista' jew, minħabba din il-biża', ma jkunx jixtieq, jinvoka l-protezzjoni ta' dan il-pajjiż. L-Artikolu 2(e) ta' din id-direttiva jiddefinixxi l-"[i]status ta' refuġjat" bħala r-rikonoxximent minn Stat Membru ta' ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat bħala refuġjat.

33 L-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/95 ma għandhiex issir biss fid-dawl tal-istruttura ġenerali u tal-għan ta' din id-direttiva, iżda għandha ssir wkoll b'osservanza tal-Konvenzjoni ta' Genève – liema konvenzjoni, kif proprju tiddikjara l-premessa 4 ta' din

id-direttiva, hija l-"pedament tar-reġim legali internazzjonali għall-protezzjoni ta' refuġjati" – u ta' trattati oħra rilevanti msemmija fl-Artikolu 78(1) TFUE. Fost dawn it-trattati hemm, b'mod partikolari, il-Konvenzjoni ta' Istanbul u ċ-CEDEF (sentenzi tas-16 ta' Jannar 2024, Intervyuirasht organ na DAB pri MS (Vittmi nisa tal-vjolenza domestika), C-621/21, EU:C:2024:47, punti 37 u 44 sa 47, kif ukoll tal-11 ta' Ġunju 2024, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Nisa li jidentifikaw ruħhom mal-valur tal-ugwaljanza bejn is-sessi), C-646/21, EU:C:2024:487, punt 36).

34 Kif jikkonfermaw l-Artikoli 1 u 3, kif ukoll l-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel timplika, b'mod partikolari, id-dritt, għal kull mara, li tiġi protetta minn kull vjolenza marbuta mal-ġeneru, id-dritt li ma tkunx imġiegħla tiżżewweġ, kif ukoll id-dritt li tħaddan jew li ma tħaddanx twemmin, id-dritt li jkollha l-opinjonijiet politiċi tagħha u li tesprimihom u d-dritt li tagħmel l-għażliet b'mod liberu f'ħajjitha, b'mod partikolari, f'dak li għandu x'jaqsam mal-edukazzjoni tagħha, mal-karriera professjonali tagħha jew mal-attivitajiet fl-isfera pubblika. L-istess jgħodd għall-Artikoli 3, 5, 7, 10 u 16 taċ-CEDEF (sentenza tal-11 ta' Ġunju 2024, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Nisa li jidentifikaw ruħhom mal-valur tal-ugwaljanza bejn is-sessi), C-646/21, EU:C:2024:487, punt 37).

35 Barra minn hekk, l-Artikolu 60(1) tal-Konvenzjoni ta' Istanbul jipprovdi li l-vjolenza kontra n-nisa abbażi tal-ġeneru, li, skont l-Artikolu 3 ta' din il-konvenzjoni, għandha tinftiehem bħala ksur tad-drittijiet tal-bniedem u bħala forma ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa, għandha tiġi rrikonoxxuta bħala forma ta' persekuzzjoni fis-sens tal-punt 2 tal-Artikolu 1(A) tal-Konvenzjoni ta' Genève (sentenza tal-11 ta' Ġunju 2024, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Nisa li jidentifikaw ruħhom mal-valur tal-ugwaljanza bejn is-sessi), C-646/21, EU:C:2024:487, punt 55).

36 Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/95 għandhom jiġu interpretati, kif proprju tiddikjara l-premessa 16 tagħha, b'rispett tad-drittijiet irrikonoxxuti mill-Karta, li din id-direttiva tfittex li tippromwovi l-applikazzjoni tagħha, u li l-Artikolu 21(1) tagħha jipprojbixxi kull diskriminazzjoni abbażi tas-sess (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Jannar 2021, Bundesrepublik Deutschland (Status ta' refuġjat ta' persuna mingħajr stat ta' oriġini Palestinjana), C-507/19, EU:C:2021:3, punt 39, tad-9 ta' Novembru 2023, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Kunċett ta' dannu serju), C-125/22, EU:C:2023:843, punt 60, u tal-11 ta' Ġunju 2024, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Nisa li jidentifikaw ruħhom mal-valur tal-ugwaljanza bejn is-sessi), C-646/21, EU:C:2024:487, punt 38).

37 Fit-tieni lok, l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2011/95 isemmi l-fatturi li abbażi tagħhom att jista' jitqies li jkun jikkostitwixxi persekuzzjoni fis-sens l-Artikolu 1(A) tal-Konvenzjoni ta' Genève. L-Artikolu 9(1)(a) ta' din id-direttiva jispeċifika li l-att rilevanti għandu jkun gravi biżżejjed minħabba n-natura tiegħu jew minħabba r-ripetizzjoni tiegħu sabiex jikkostitwixxi ksur serju tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, b'mod partikolari ta' dawk li, skont l-Artikolu 15(2) tal-KEDB, ma hija possibbli ebda deroga minnhom, jiġifieri d-dritt għall-ħajja (l-Artikolu 2), id-dritt li wieħed ma jkunx suġġett għal tortura jew għal pieni jew għal trattamenti inumani jew degradanti (l-Artikolu 3), id-dritt li wieħed ma jkunx suġġett għall-iskjavitù (l-Artikolu 4(1)) jew għal kwalunkwe piena mhux prevista fil-liġi (l-Artikolu 7).

38 L-użu, fl-Artikolu 9(1)(a) tal-imsemmija direttiva, tal-avverbju "partikolarment" jindika li r-riferiment għall-Artikolu 15(2) tal-KEDB isir b'mod indikattiv u juri l-livell ta' gravità meħtieġ sabiex att ikun jista' jiġi kklassifikat bħala "att ta' persekuzzjoni", fis-sens tal-Artikolu 1(A) tal-Konvenzjoni ta' Genève (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Settembru 2012, Y u Z, C-71/11 u C-99/11, EU:C:2012:518, punt 57).

39 L-Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva 2011/95, li għalih tirreferi l-qorti tar-rinviju, jagħmilha possibbli wkoll li tiġi kklassifikata bħala "att ta' persekuzzjoni" akkumulazzjoni ta' diversi miżuri, inkluż ksur tad-drittijiet tal-bniedem, li tkun "serj[a] biżżejjed" sabiex taffettwa lil individwu b'mod "simili" għal dak indikat fl-Artikolu 9(1)(a) ta' din id-direttiva.

40 Minn dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta li, sabiex ksur tad-drittijiet tal-bniedem jikkostitwixxi persekuzzjoni fis-sens tal-Artikolu 1(A) tal-Konvenzjoni ta' Genève, dan għandu jilħaq ċertu livell ta' gravità (sentenza tad-19 ta' Novembru 2020, Bundesamt für Migration und Flüchtlinge (Servizz militari uażil), C-238/19, EU:C:2020:945, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata). Dan il-livell ta' gravità huwa paragunabbli għal kull wieħed mill-każijiet imsemmija fl-Artikolu 9(1)(a) u (b) tad-Direttiva 2011/95.

41 Fir-rigward, b'mod speċifiku, tal-Artikolu 9(1)(b) ta' din id-direttiva, tali livell ta' gravità għandu, b'mod partikolari, jitqies li jkun intlaħaq meta, meħuda flimkien, diversi ksur ta' drittijiet li ma jkunux neċessarjament jikkostitwixxu drittijiet li, skont l-Artikolu 15(2) tal-KEDB, ma hija possibbli ebda deroga minnhom, jagħmlu ħsara lir-rispett sħiħ tad-dinjità tal-bniedem, kif stabbilit fl-Artikolu 1 tal-Karta, li d-Direttiva 2011/95 tfittex, b'mod espliċitu, li tiżgura, kif proprju jirriżulta mill-premessa 16 tagħha.

42 F'dan il-każ, kif jenfasizza, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punt 54 tal-konklużjonijiet tiegħu, ma hemm ebda dubju li, indipendentement mir-repressjoni li għaliha jesponu ruħhom in-nisa Afgani kemm-il darba kellhom jonqsu milli josservaw ir-restrizzjonijiet li jimponi r-reġim tat-Taliban – liema restrizzjonijiet fihom infushom jistgħu jikkostitwixxu atti ta' persekuzzjoni, fis-sens tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2011/95 –, il-miżuri diskriminatorji li tirreferi għalihom il-qorti tar-rinviju jilħqu l-livell ta' gravità meħtieġ, kemm minħabba l-intensità tagħhom u l-effett kumulattiv tagħhom, kif ukoll minħabba l-konsegwenzi li għandhom għall-mara affettwata.

43 Minn naħa, uħud minn dawn il-miżuri għandhom jiġu kklassifikati waħedhom bħala "att ta' persekuzzjoni", fis-sens tal-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2011/95. Dan jgħodd, b'mod partikolari, għaż-żwieġ furzat, li jista' jiġi ekwiparat ma' forma ta' skjavitù, ipprojbit mill-Artikolu 4 tal-KEDB, u għan-nuqqas ta' protezzjoni kontra l-vjolenza abbażi tas-sess u kontra l-vjolenza domestika, li jikkostitwixxu forom ta' trattament inuman u degradanti, ipprojbiti mill-Artikolu 3 tal-KEDB.

44 Min-naħa l-oħra, anki jekk jitqies li, meħuda waħedhom, il-miżuri diskriminatorji kontra n-nisa li jirrestringu l-aċċess għall-kura tas-saħħa, għall-ħajja politika u għall-edukazzjoni, kif ukoll l-eżerċizzju ta' attività professjonali jew sportiva, jew li jxekklu l-libertà ta' moviment jew li jdgħajfu l-libertà li wieħed jilbes kif irid ma jikkostitwixxux ksur suffiċjentement gravi ta' dritt fundamentali, fis-sens tal-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2011/95, dawn il-miżuri, meħuda fl-intier tagħhom, jaffettwaw lin-nisa b'tali mod li jilħqu l-livell ta' gravità meħtieġ sabiex jikkostitwixxu atti ta' persekuzzjoni, fis-sens tal-Artikolu 9(1)(b) ta' din id-direttiva. Fil-fatt, kif jirrileva, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punti 56 sa 58 tal-konklużjonijiet tiegħu, dawn il-miżuri, billi għandhom effett akkumulat u billi huma applikati b'mod deliberat u sistematiku, iwasslu sabiex iċaħħdu, b'mod sfaċċat u persistenti, lin-nisa Afgani mid-drittijiet fundamentali marbuta mad-dinjità tal-bniedem minħabba s-sess tagħhom. L-imsemmija miżuri huma maħsuba sabiex iwaqqfu struttura soċjali bbażata fuq reġim ta' segregazzjoni u ta' oppressjoni li fih in-nisa huma esklużi mis-soċjetà ċivili u mċaħħda mid-dritt li jgħixu ħajja dinjituża fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

45 Tali interpretazzjoni hija sostnuta mill-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2011/95 li jinkludi lista indikattiva ta' atti ta' persekuzzjoni, fis-sens tal-Artikolu 9(1) ta' din id-direttiva, li fosthom hemm, b'mod partikolari, il-punti (a) sa (c) u l-punt (f) ta' dan il-paragrafu, il-vjolenza fiżika jew mentali, inkluż il-vjolenza sesswali, il-miżuri legali, il-miżuri amministrattivi, il-miżuri tal-pulizija u/jew il-miżuri ġudizzjarji li huma diskriminatorji fihom infushom jew implimentati b'mod diskriminatorju, il-prosekuzzjonijiet jew is-sanzjonijiet sproporzjonati jew diskriminatorji, kif ukoll l-atti mmirati lejn ġeneru jew ieħor.

46 Fid-dawl tar-raġunijiet kollha premessi, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva 2011/95 għandu jiġi interpretat fis-sens li taqa' taħt il-kunċett ta' "att ta' persekuzzjoni" akkumulazzjoni ta' miżuri diskriminatorji kontra n-nisa, adottati jew ittollerati minn "attur ta' persekuzzjoni", fis-sens tal-Artikolu 6 ta' din id-direttiva, li, b'mod partikolari, iċaħħdu lin-nisa minn kull protezzjoni legali kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-vjolenza domestika u ż-żwieġ furzat, iġegħluhom jgħattu kompletament ġisimhom u wiċċhom, jirrestrinġu l-aċċess tagħhom għall-kura tas-saħħa, kif ukoll il-libertà ta' moviment tagħhom, jipprojbixxuhom milli jeżerċitaw attività professjonali jew li jirrestrinġu l-eżerċizzju tagħha, jipprojbixxu l-aċċess għall-edukazzjoni u għall-isport u jeskluduhom mill-ħajja politika, peress li dawn il-miżuri, minħabba l-effett akkumulat tagħhom, jagħmlu ħsara lir-rispett tad-dinjità tal-bniedem, kif iggarantit mill-Artikolu 1 tal-Karta.

Fuq it-tieni domanda

47 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2011/95 għandux jiġi interpretat fis-sens li jobbliga lill-awtorità nazzjonali kompetenti, sabiex jiġi ddeterminat jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-pajjiż ta' oriġini ta' mara fil-mument li fih tiġi evalwata l-applikazzjoni tagħha għal protezzjoni internazzjonali, il-miżuri diskriminatorji li għalihom hija tkun ġiet esposta jew tkun qiegħda f'riskju li tkun esposta f'dan il-pajjiż jikkostitwixxux atti ta' persekuzzjoni, fis-sens tal-Artikolu 9(1) ta' din id-direttiva, tieħu inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tal-valutazzjoni individwali ta' din l-applikazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 2(h) tal-imsemmija direttiva, il-fatturi partikolari għas-sitwazzjoni personali tagħha apparti s-sess u n-nazzjonalità tagħha.

48 Skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2011/95, kull applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandha, bħala prinċipju, tkun suġġetta għal valutazzjoni individwali (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-7 ta' Novembru 2013, X *et*, C-199/12 sa C-201/12, EU:C:2013:720, punt 73; tal-25 ta' Jannar 2018, F, C-473/16, EU:C:2018:36, punt 41, kif ukoll tad-19 ta' Novembru 2020, Bundesamt für Migration und Flüchtlinge (Servizz militari uażil), C-238/19, EU:C:2020:945, punt 23).

49 Skont l-Artikolu 4(3) ta' din id-direttiva, il-valutazzjoni individwali, mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, dwar jekk il-biża' ta' persekuzzjoni ta' applikant hijiex fondata jew le għandha ssir każ b'każ b'viġilanza u prudenza, abbażi biss ta' evalwazzjoni konkreta tal-fatti u taċ-ċirkustanzi, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-fatti u ċ-ċirkustanzi stabbiliti jikkostitwixxux theddida tali li l-persuna kkonċernata tista' bir-raġun tibża', fid-dawl tas-sitwazzjoni individwali tagħha, li tkun effettivament vittma ta' atti ta' persekuzzjoni li kellha tirritorna fil-pajjiż ta' oriġini tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Jannar 2024, Intervyuirasht organ na DAB pri MS (Vittmi nisa ta' vjolenza domestika), C-621/21, EU:C:2024:47, punt 60, u tal-11 ta' Ġunju 2024, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Nisa li jidentifikaw ruħhom mal-valur tal-ugwaljanza bejn is-sessi), C-646/21, EU:C:2024:487, punt 59).

50 Din id-dispożizzjoni telenka l-fatturi li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni waqt eżami individwali ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. Fost dawn hemm il-fatti rilevanti li jikkonċernaw il-pajjiż ta' oriġini fil-mument li fih tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, l-istatus individwali u s-sitwazzjoni personali tal-applikant, inkluż fatturi bħall-passat tiegħu, is-sess tiegħu u l-età tiegħu.

51 Għalkemm huwa minnu li l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2011/95 japplika għal kull applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, ikunu xi jkunu r-raġunijiet għal persekuzzjoni invokati insostenn ta' dawn l-applikazzjonijiet, madankollu huma l-awtoritajiet kompetenti li għandhom jadattaw il-metodi tagħhom li bihom jevalwaw dikjarazzjonijiet u provi dokumentali jew oħrajn skont il-karatteristiċi partikolari għal kull kategorija ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, u dan b'osservanza tad-drittijiet iggarantiti mill-Karta (sentenzi tat-2 ta' Diċembru 2014, A *et*, C-148/13 sa C-150/13, EU:C:2014:2406, punt 54, kif ukoll tal-25 ta' Jannar 2018, F, C-473/16, EU:C:2018:36, punt 36).

52 Barra minn hekk, l-Artikolu 10(3)(b) tad-Direttiva 2013/32 jobbliga lill-Istati Membri jiżguraw, minn naħa, li d-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali jittieħdu wara eżami xieraq li matulu tkun inġabret informazzjoni preċiża u aġġornata minn sorsi differenti, bħall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil (EUAA), li ssuċċediet lill-EASO, u l-UNHCR, kif ukoll l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, dwar is-sitwazzjoni ġenerali eżistenti fil-pajjiżi ta' oriġini tal-applikanti. Min-naħa l-oħra, din id-dispożizzjoni teħtieġ li l-persunal responsabbli sabiex jeżamina l-imsemmija applikazzjonijiet u sabiex jiġu deċiżi dawn tal-aħħar għandu jkollu aċċess għal din l-informazzjoni (sentenza tal-11 ta' Ġunju 2024, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Nisa li jidentifikaw ruħhom mal-valur tal-ugwaljanza bejn is-sessi), C-646/21, EU:C:2024:487, punt 60).

53 Għal dan il-għan, kif jirriżulta mill-punt 36(x) tal-Linji Gwida tal-UNHCR Nru 1 dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, li jirrigwardaw il-persekuzzjoni marbuta mal-ġeneru fil-kuntest tal-punt 2 tal-Artikolu 1(A) tal-Konvenzjoni ta' Genève, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiġbru l-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini rilevanti għall-eżami tal-applikazzjonijiet ippreżentati min-nisa, bħas-sitwazzjoni ta' dawn tal-aħħar f'għajnejn il-liġi, id-drittijiet politiċi, ekonomiċi u soċjali tagħhom, id-drawwiet kulturali u soċjali tal-pajjiż u l-konsegwenzi li kellu wieħed ma joqgħodx għalihom, l-imxija tal-prassi tradizzjonali li huma ta' ħsara, l-impatt u l-forom ta' vjolenza rrapportata kontra n-nisa, il-protezzjoni mogħtija lilhom, is-sanzjonijiet imposti fuq dawk li jikkommettu tali vjolenza, kif ukoll ir-riskji li tissogra mara li kellha tirritorna fil-pajjiż ta' oriġini tagħha wara li tkun ippreżentat tali applikazzjoni (sentenzi tas-16 ta' Jannar 2024, Intervyuirasht organ na DAB pri MS (Vittmi nisa ta' vjolenza domestika), C-621/21, EU:C:2024:47, punt 61) u tal-11 ta' Ġunju 2024, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Nisa li jidentifikaw ruħhom mal-valur tal-ugwaljanza bejn is-sessi), C-646/21, EU:C:2024:487, punt 61).

54 Mill-premess jirriżulta li r-rekwiżit innifsu li titwettaq valutazzjoni individwali tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jippreżupponi li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jadattaw il-metodi li bihom jevalwaw il-fatti u l-provi skont iċ-ċirkustanzi u l-karatteristiċi partikolari għal kull waħda mill-applikazzjonijiet.

55 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2011/95, l-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu regoli iktar favorevoli, li, b'mod partikolari, jillaxkaw il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-istatus ta' refuġjat, kemm-il darba dawn ir-regoli ma jqegħdux

f'perikolu l-istruttura ġenerali jew l-għanijiet ta' din id-direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-4 ta' Ottubru 2018, Ahmedbekova, C-652/16, EU:C:2018:801, punti 70 u 71, kif ukoll tad-9 ta' Novembru 2021, Bundesrepublik Deutschland (Żamma tal-unità tal-familja), C-91/20, EU:C:2021:898, punti 39 u 40).

56 F'dan il-każ, l-EUAA tikkonkludi, fil-punt 3.15 tar-rapport tagħha intitolat "Country guidance: Afghanistan", tax-xahar ta' Jannar 2023, li teżisti, b'mod ġenerali, għan-nisa u għall-bniet Afgani, u dan meta wieħed iqis il-miżuri adottati mir-reġim tat-Taliban sa mill-2021, biża' fondata ta' atti ta' persekuzzjoni fis-sens tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2011/95. Bl-istess mod, fil-kuntest ta' din il-kawża, l-UNHCR jindika, fid-dikjarazzjoni tiegħu dwar il-kunċett ta' persekuzzjoni minħabba akkumulazzjoni ta' miżuri fid-dawl tas-sitwazzjoni li jinsabu fiha bħalissa n-nisa u l-bniet fl-Afganistan, maħruġa, fil-25 ta' Mejju 2023, li teżisti preżunzjoni ta' rikonoxximent tal-istatus ta' refuġjat fir-rigward tan-nisa u l-bniet Afgani, u dan meta wieħed iqis l-atti ta' persekuzzjoni li t-Talibani jwettqu kontrihom, minħabba l-ġeneru tagħhom biss.

57 F'dawn iċ-ċirkustanzi, fir-rigward tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali ppreżentati minn nisa Afgani, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jqisu li bħalissa ma huwiex neċessarju li jiġi stabbilit, waqt l-eżami individwali tas-sitwazzjoni ta' mara li tapplika għal protezzjoni internazzjonali, li din tal-aħħar effettivament u speċifikament tirriskja li tkun is-suġġett ta' atti ta' persekuzzjoni li kellha tirritorna fil-pajjiż ta' oriġini tagħha, kemm-il darba l-fatturi relatati mal-istatus individwali tagħha, bħan-nazzjonalità u s-sess tagħha, ikunu stabbiliti.

58 Fid-dawl tal-raġunijiet premessi, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2011/95 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jobbligax lill-awtorità nazzjonali kompetenti, sabiex jiġi ddeterminat jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-pajjiż ta' oriġini ta' mara fil-mument li fih tiġi evalwata l-applikazzjoni tagħha għal protezzjoni internazzjonali, il-miżuri diskriminatorji li għalihom tkun ġiet esposta jew tkun qiegħda f'riskju li tkun esposta f'dan il-pajjiż jikkostitwixxux atti ta' persekuzzjoni, fis-sens tal-Artikolu 9(1) ta' din id-direttiva, tieħu inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tal-valutazzjoni individwali ta' din l-applikazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 2(h) tal-imsemmija direttiva, fatturi partikolari għas-sitwazzjoni personali tagħha apparti n-nazzjonalità tagħha u s-sess tagħha.

Fuq l-ispejjeż

59 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

taqa' taħt il-kunċett ta' "att ta' persekuzzjoni" akkumulazzjoni ta' miżuri diskriminatorji kontra n-nisa, adottati jew ittollerati minn "attur ta' persekuzzjoni", fis-sens tal-Artikolu 6 ta' din id-direttiva, li, b'mod partikolari, iċaħħdu lin-nisa minn kull protezzjoni legali kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-vjolenza domestika u ż-żwieġ furzat, iġegħluhom jgħattu kompletament ġisimhom u wiċċhom, jirrestringu l-aċċess tagħhom għall-kura tas-saħħa, kif ukoll il-libertà ta' moviment tagħhom, jipprojbixxuhom milli jeżerċitaw attività professjonali jew li jirrestringu l-eżerċizzju tagħha, jipprojbixxu l-aċċess għall-edukazzjoni u għall-isport u jeskluduhom mill-ħajja politika, peress li dawn il-miżuri, minħabba l-effett akkumulat tagħhom, jagħmlu ħsara lir-rispett tad-dinjità tal-bniedem, kif iggarantit mill-Artikolu 1 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

2) L-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2011/95

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

ma jobbligax lill-awtorità nazzjonali kompetenti, sabiex jiġi ddeterminat jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-pajjiż ta' oriġini ta' mara fil-mument li fih tiġi evalwata l-applikazzjoni tagħha għal protezzjoni internazzjonali, il-miżuri diskriminatorji li għalihom tkun ġiet esposta jew tkun qiegħda f'riskju li tkun esposta f'dan il-pajjiż jikkostitwixxux atti ta' persekuzzjoni, fis-sens tal-Artikolu 9(1) ta' din id-direttiva, tieħu inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tal-valutazzjoni individwali ta' din l-applikazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 2(h) tal-imsemmija direttiva, fatturi partikolari għas-sitwazzjoni personali tagħha apparti n-nazzjonalità tagħha u s-sess tagħha.

Firem